*Azzjoni għal rexissjoni tal-ftehim;*
*artikoli 974 u 981 tal-Kap. 16*

# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 27 ta' Jannar, 2020**

**Numru 4**

**Rikors Numru 984/08 TA**

**Rita Grech u żewġha Marco Grech, u Justin Grech (detenturi tal-karti ta' identita' numru 0114666M, 299462M u 544887M rispettivament)**

**vs**

**Nicholas Azzopardi u martu Victoria Azzopardi għal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat, preżentat mill-konjuġi Grech u maħluf minn Rita Grech fl-1 ta' Ottubru 2008, li permezz tagħha ppremettew u talbu s-segwenti:

"1. Illi l-atturi rikorrenti akkwistaw bi tpartit mingħand il-konvenuti intimati vettura tal-marka Land Rover Freelander bin-numru ta' reġistrazzjoni JST 212, filwaqt illi in forza tal-istess ftehim il-konvenuti intimati ngħataw żewġ vetturi, waħda tal-marka Citroen CS – li ġiet stmata bi qbil bejn il-partijiet li tiswa madwar Euro 11,646.87 / Lm 5,000 – u l-oħra Renault Campus – li ġiet meqjusa li tiswa Euro 2,329.47 /

Lm1,000 – oltre Euro 3,494.06 / Lm1,500 fi flus kontanti; illi għalhekk il-valur komplessiv ta' din it-transazzjoni ta' tpartit kienet ta' Euro 17,470.30 / Lm7,500; u

2. Illi għalkemm il-fehim bejn il-partijiet ġie konkluż fis-27 ta' Marzu 2007, il-vettura li ġiet akkwistata mill-atturi rikorrenti ġiet irreġistrata mill-konvenut intimat f'isem l-attriċi rikorrenti Rita Grech fit-12 ta' April 2007, u dan kif jirriżulta mill-log book ta' din il-vettura; u

3. Illi sussegwentement, u aktar preċiżament lejn l-aħħar ta' Ottubru 2007, meta l-atturi rikorrent talbu sabiex tiġedded il-liċenzja minn Ottubru 2007 sa Ottubru 2008, dan it-tiġdid ma ġiex aċċettat mill-Awtorita` kompetenti, u l-atturi rikorrenti ġew avżati illi kien hemm irregolaritajiet fid-dokumentazzjoni ta' din il-vettura, b'mod partikolari kif ġiet irreġistrata. Din il-vettura inxtrat mill-konvenut intimat u ġiet importata minnu mill-Ingilterra, oltre li mbagħad ġiet irreġistrata minnu, u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża; u

4. Illi meta l-atturi rikorrenti ltaqgħu ma' din id-diffikolta`, huma avviċinaw lill-konvenut intimat, li tahhom struzzjonijiet għand min għandhom immorru bil-vettura sabiex isir il-VRT tagħha, u imbagħad aċċertahom illi ser jieħu ħsieb hu illi jottjeni t-tiġdid tal-liċenzja; fil-fatt hekk ġara, u l-liċenzja ġiet imġedda mill-konvenut intimat, jew minn persuni inkarigati minnu, sa Ottubru 2008; u

5. Illi fid-dawl ta' dan l-aġir suspettuż min-naħa tal-konvenut intimat, u wara li l-atturi rikorrenti ġew avviċinati minn Uffiċjali tal-Pulizija u dawn tal-aħħar bdew l-istħarriġ tagħhom dwar ir-reġistrazzjoni ta' din il-vettura u t-tiġdid tal-liċenzja tagħha, u ssuġġerew illi din il-vettura ma tintużax mill-atturi rikorrenti sakemm l-istħarriġ tagħhom jiġi konkluż; u

6. Illi konsegwenza ta' dawn l-irregolaritajiet fil-liċenzja tal-vettura, l-atturi rikorrenti ġew kostretti li ma jużawx din il-vettura, li qedha fil-fatt iggaraxxjata u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni; u

7. Illi għalhekk, il-konvenut intimat qarraq bl-atturi rikorrenti meta biegħhilhom il-vettura in kwistjoni, stante illi kien konsapevoli tal-irregolaritajiet fir-reġistrazzjoni tal-vettura in kwistjoni; u

8. Illi għalkemm il-konvenuti intimati ġew interpellati diversi drabi sabiex jersqu għar-rexissjoni tal-ftehim milħuq bejn il-partijiet in forza tal-iskrittura privata datata 27 ta' Marzu 2007, huma baqgħu inadempjenti;

Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara illi l-ftehim milħuq bejn il-partijiet in forza ta' skrittura privata datata 27 ta' Marzu 2007 huwa null, stante illi l-konvenut

intimat qarraq bl-atturi rikorrenti meta kkonsenja lill-atturi rikorrenti l-vettura tal-marka Land Rover Freelander bin-numru ta' reġistrazzjoni JST 212, stante illi kien jaf illi kien hemm xi irregolaritajiet fid-dokumentazzjoni ta' din il-vettura, u dan kif dettaljat hawn fuq.

2. Konsegwentement tħassar u tirrevoka dan il-ftehim privat datat 27 ta' Marzu 2007 u tordna r-reversjoni tal-partijiet għall-istatus *quo ante*.

3. Tordna u tikkundanna lill-konvenuti intimati sabiex jirritornaw il-vettura tal-marka Citroen C2 u Renault Campus u s-somma ta' Euro 3,494.06 lill-atturi rikorrenti jew, in difett, li jirrifondu lill-atturi rikorrenti s-somma ta' Euro 17,470.30 essendo l-valur kumplessiv tat-transazzjoni li saret bejn il-partijiet kontendenti in forza tal-ftehim privat datat 27 ta' Marzu 2007.

Bl-ispejjeż, inkluż tal-ittra interpellatorja datata 14 ta' April 2008 u bl-imgħax legali, kontra l-konvenuti intimati nġunti għas-subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Nicholas Azzopardi ippreżentata u maħlufa minnu fit-18 ta' Ġunju 2019 li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:

"Illi huwa jopponi t-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra tagħhom għar-raġunijiet li ġejjin:-

1. Illi mhuwiex minnu dak li ntqal mill-attriċi illi l-vettura Renault 5 Campus li kienet parti minn negozju, kienet stmata mill-partijiet għal elf lira Maltin (Lm1,000). Din il-vettura kienet stmata għal ħames mitt lira Maltin (Lm500).

2. Illi għalkemm huwa minnu illi t-tiġdid tal-liċenzja kien ħa xi żmien biex sar, dan ġara mhux minħabba li kien hemm xi irregolarita` fid-dokumentazzjoni tal-vettura Land Rover Freelander iżda minħabba proċeduri normali li jsiru mill-Awtorita` Dwar it-Trasport fuq vetturi li jkunu ġew importati mill-esteru.

3. Illi, tant il-proċeduri kienu sar b'mod l-aktar normali, illi l-vettura Land Rover Freelander saritilha spezzjoni mill-Awtorita` Dwar it-Trasport, għal-liema spezzjoni tellagħha l-attur Justin Grech, sarilha wkoll il-VRT test u tħallsu fuqha Lm3,900 f'dazju. Fl-ebda stadju ta' dawn il-proċeduri ma nstabet xi rregolarita` kif qed jiġi allegat mill-atturi.

4. Illi, anke waqt 'l hekk imsejħa mill-atturi, "l-investigazzjonijiet tal-Pulizija", il-vettura msemmija ma ġiet qatt miġbura mill-Pulizija, liema

fatt ikompli jikkonferma li l-proċeduri kollha kienu normali u ma kien hemm xejn irregolari dwarha.

5. Illi m'huwiex assolutament minnu dak allegat mill-atturi illi l-vettura Land Rover Freelander tinsab iggaraxxjata. Di fatti ser jinġiebu provi li jikkonfermaw illi l-atturi għadhom jagħmlu użu minnha.

6. Illi m'huwiex assolutament minnu illi l-esponenti qarraq bl-atturi meta għamel in-negozju magħhom tat-tpartit tal-vetturi. Dan huwa jiċħdu bl-aktar mod kategoriku.

7. Illi l-ftehim tas-27 ta' Marzu 2007 li sar bejn il-partijiet rigwardanti l-vetturi li huma partu bejniethom, huwa wieħed validu u sar skond il-liġi u għalhekk m'huwiex il-każ illi jiġi rexiss kif qed jitolbu l-atturi."

Rat l-avviż tat-22 ta' Frar, 2019 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imħallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li bis-saħħa tiegħu l-kawża odjerna ġiet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diġa mħollija għas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-24 ta' Settembru, 2019, fejn il-kawża tħalliet għallum għas-Sentenza.

**Punti ta'fatti**

**1.** Il-fatti li jirriżultaw mill-atti tal-kawża jirrigwardaw vettura tal-għamla Land Rover Freelander bin-numru ta' reġistrazzjoni JST 212. Din il-

vettura ġiet akkwistata mill-Attur Justin Grech mingħand il-Konvenut Nicholas Azzopardi bi tpartit ta' żewġ vetturi oħra tal-għamla Citroen CR u Renault b'żieda ta' pagament ta' LM1,500 (ara dokument datat 27 ta' Marzu 2007 mhux iffirmat a' fol 5 kif ukoll premessa numru 1 a' fol 1, affidavit Justin Grech para 4 u 5 a' fol 17 u affidavit Nicholas Azzopardi para 6 a' fol 123).

**2.** Fil-mument tal-akkwist il-vettura kienet għadha mhux reġistrata u għalhekk ma kellhiex pjanċi. L-Attur ried li l-vettura tiġi reġistrata f'isem ommu l-Attriċi Rita Grech. Sabiex tiġi hekk reġistrata, l-Attur ġie dirett mill-Konvenut sabiex jieħu l-vettura għall-ispezzjoni neċessarja ġewwa d-Direttorat għal-Liċenzji u Testijiet fi ħdan l-ADT. L-Attur mar hemm flimkien ma ċertu Frans Caruana mlaqqam il-Bobo. Dan Bobo kien qabbdu il-Konvenut Caruana stess sabiex jassisti lill-Attur fil-proċeduri meħtieġa. Matul l-ispezzjoni, ittieħdu xi ritratti tal-magna u l-engine number tal-vettura mill-uffiċċjali tal-ADT. Wara l-Attur ġie dirett jieħu l-vettura għat-test tal-VRT. (Ara affidavit tal-Attur a' fol 18).

**3.** Mill-ispezzjoni li saret minn ċertu Joseph Mifsud, ħareġ, li l-vettura kellha n-numru tax-chassis mhux ippanċjat fil-post fejn is-soltu jkun ippanċjat u li n-numru tal-magna ma kienx jaqbel man-numru li hemm fuq il-logbook ta' l-Ingilterra minn fejn ġiet impurtata l-vettura in kwistjoni (ara l-inspection form a' fol 150). Minħabba f'hekk saret *"restriction"* fuq il-vettura biex din ma tinbiegħx u lanqas il-liċenzja ma tiġi mġedda. Per

konsegwenza l-file ġie riferut lill-Pulizija li intalbet tinvestiga dawn id-diskrepanzi (ara l-formoli dwar id-diskrepanzi a' fol 142/186 u 145/190/192, xhieda Stephen Cachia a' fol 70 u fol 71, xhieda Joseph Mifsud a' fol 216, 218, 223 u xhieda Maġġur Emanuel Scicluna a' fol 269).

**4.** Madanakollu l-vettura ġiet reġistrata xorta waħda f'isem l-Attriċi Rita Grech u l-Konvenut Nicholas Azzopardi għadda l-pjanċi tal-vettura lill-Attur Justin Grech bin-numru ta' reġistrazzjoni JST 212. Il-vettura ingħatatilha liċenzja tat-triq li kienet tkopri l-perjodu bejn Marzu u Ottubru 2007 (ara affidavit Justin Grech a' fol 17 u 18 u affidavit Nicholas Azzopardi a' fol 124). Skont il-Maġġur Emanuel Scicluna, dan sar b'mod temporanju għal raġunijiet imfissra fix-xhieda tiegħu (ara a' fol 268).

**5.** Iżda meta l-Attriċi Rita Grech wasslet biex terġa' iġġedded il-liċenzja, hija ġiet infurmata mill-uffiċċjal tal-aġenzija tal-assikurazzjoni, ċertu Joseph Grech, li l-liċenzja ma setgħetx tiġġedded. Dan ġara minħabba d-diskrepanzi fuq imsemmija (ara affidavit Rita Grech para 6 a' fol 13). L-Attriċi Rita Grech infurmat b'dan lil binha l-Attur Justin Grech li minn naħa tiegħu informa lill-Konvenut Nicholas Azzopardi. Dan tal-aħħar qabbad lil Bobo jiċċekkja li min naħa tiegħu ħa ħsieb jirregolarizza l-affarijiet. Madwar xahar wara, il-Bobo informa lill-Attur li l-liċenzja ġiet imġedda. Din ġiet fil-fatt mogħtija lil Justin Grech mill-Konvenut Nicholas Azzopardi (ara affidavit Rita Grech a' fol 13 u 14, affidavit Justin Grech para 12 a' fol 18 u affidavit Nicholas Azzopardi a' fol 125).

**6.** Ftit taż-żmien wara l-Maġġur Emanuel Scicluna bagħat għall-Atturi Rita u Justin Grech kif ukoll għall-Konvenut Nicholas Azzopardi. Il-Maġġur Grech ikkonfrontahom b'xi firem tal-Attriċi Rita Grech fl-inkartament relattiv għall-vettura in kwistjoni. Dan l-inkartament kien qed juri li l-karozza ġiet impurtata mill-Attriċi Rita Grech. L-Attriċi minn naħa tagħha ċaħdet li l-firem kienu tagħha iżda ilkoll spjegaw u qablu fuq il-fatti tal-każ, ċjoe li ma kienetx Rita Grech li mpurtat il-vettura. Minn naħa tagħhom l-Attur Justin Grech u l-Konvenut Nicholas Azzopardi wkoll ċaħdu li l-firem għamluhom huma. Il-Konvenut Azzopardi spjega li qabbad lil Bobo sabiex jieħu ħsieb l-inkartament u li l-vettura kien akkwistaha minn dealer ieħor bl-isem ta' Godfrey Saliba. Il-Maġġur bagħat kemm għal Bobo kif ukoll għas-Sur Saliba. Fost affarijiet oħra, il-Bobo ċaħad ukoll li l-firem għamilhom hu filwaqt li s-Sur Saliba ikkonferma li kien hu li mporta l-vettura mill-Ingilterra (ara wkoll xhieda Godfrey Saliba a' fol 103). Wara dan l-istħarriġ il-Maġġur Scicluna rrediġa rapport (a' fol 32 sa 42) u bagħtu lill-Ispettur Stephen Mallia għal investigazzjonijiet ulterjuri (ara xhieda Maġġur Emanuel Scicluna a' fol 57et seq).

**7.** Jirriżulta li permezz ta' ittra datata 21 ta' Jannar 2009 (a' fol 43/140/184) l-Ispettur Stephen Mallia bagħat jinforma lid-Direttur tal-Liċenzji u Testijiet, li l-investigazzjonijiet se jieħdu fit-tul u li għalhekk

ingħata lilhom il-permess li jneħħu r-restriction sabiex il-liċenzja tkun tista' tibqa' tiġġedded (ara xhieda Stephen Cachia a' fol 72).

**8.** Ma huwiex magħruf jekk din l-investigazzjoni ġietx finalizzata minn dak iż-żmien lil hawn.

**Punti ta' Liġi.**

**9.** Permezz ta' din l-azzjoni, l-Atturi qed jitolbu li l-bejgħ tal-vettura jiġi dikjarat null minħabba li ġiet akkwistata bil-qerq tal-Konvenut (ara l-ewwel talba a' fol 2 tar-rikors maħluf).

**10.** Il-Qorti tosserva li fin-nota tiegħu, il-Konvenut Nicholas Azzopardi jissottometti li "l-azzjoni tentata tixbah ferm lil dik provduta fl-artikolu 1427 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta (l-actio redhibitoria)" (a' fol 292).

**11.** L-azzjoni redhibitoria hija waħda miż-żewġ azzjonijiet li l-liġi permezz tal-artikolu 1427 toffri lix-xerrej f'każ li, fit-termini tal-artikoli 1424 u 1426 tal-Kodiċi Ċivili, il-ħaġa mixtrija tkun afflitta minn difett latenti li ma setax ikun jaf bih minn qabel. B'din l-azzjoni ix-xerrej jitlob li l-bejjiegħ jagħmel tajjeb għad-difetti tal-ħaġa mibjugħa billi jieħu lura l-ħaġa filwaqt li jrodd lura lix-xerrej il-prezz li ħallas.

**12.** Iżda, kif ġie tajjeb ritenut, "*Huwa evidenti li l-azzjoni redibitorja, bħala waħda miż-żewġ azzjonijiet ta' garanzija mogħtija lix-xerrej, timplika li l-bejgħ ikun jiswa u mitmum, li kieku mhux għaliex tinqala' ċ-ċirkostanza*

*tad-difett li ma kienx jidher fil-waqt tal-kuntratt.* *<u>Għalhekk, il-bażi tal-azzjoni redibitorja ma tista' tkun qatt in-nullita' mill-bidu tal-kuntratt</u>;*" (**Helen Micallef vs Godfrey u Caroline konjuġi Debattista**, **Qorti Ċivili Prim' Awla, 27 ta' Ottubru 2005**) (sottolinear ta' din il-Qorti).

**13.** Il-Qorti tinnota fil-fatt, li ma hemm xejn fil-premessi u t-talbiet postulati fir-rikors ġuramentat u lanqas fil-provi prodotti, li b'xi mod jindika li l-Atturi qiegħdin jivvantaw xi difett latent fil-vettura akkwistata minnhom. Dak li qiegħdin jivvantaw l-Atturi huwa n-nullitá tal-ftehim ta' bejgħ minħabba li l-kunsens tagħhom ġie vizzjat b'qerq prattikat da parti tal-Konvenut.

**14.** Il-Qorti għalhekk tikkonkludi li b'din l-azzjoni, l-Atturi qed jeżerċitaw ir-rimedju ġenerali għar-rexissjoni tal-kuntratt ai termini tal-artikolu 974 tal-Kodiċi Ċivili. Skont dan l-artikolu, kunsens li ġie vizzjat, fost oħrajn, b'egħmil doluż, ma jkunx jiswa.

**15.** L-artikolu 981(1) tal-Kodiċi Ċivili jfisser 'egħmil doluż' bħala "*motiv ta' nullitá tal-ftehim, meta l-inganni minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kenitx tikkuntratta.*" Is-sub-artikolu 2 jispeċifika li "*L-għemil doluż ma jistax ikun preżunt, imma għandu jiġi ppruvat.*".

**16.** Kif tajjeb insenjat mill-**Qorti tal-Appell fis-sentenza Giuseppa sive Josephine Camilleri vs John Camilleri et tal-31 ta' Mejju 2019**, il-

qerq li jkun twettaq irid ikun "*jikkonsisti f'"inganno, circonvenzione, comportamento truffaldino, raggiro usato per far cadere in errore la controparte e indurla a concludere il negozio" (G. Alpa Corso di Diritto Contrattuale (2006), § 12.14, paġġ. 138 – 140). Din hija t-tifsira li d-duttrina tagħti lill-qerq. Minbarra dan, jidher mill-provi mressqa wkoll li l-qerq perpetrat fil-konfront tal-appellata kien wieħed determinanti u mhux biss aċċidentali. F'dan ir-rigward, tajjeb jingħad li f'sistemi oħrajn tal-liġi, jeżistu dispożizzjonijiet li jagħrfu bejn qerq determinanti u qerq inċidentali (Ara, b'eżempju, artt. 1439 u 1440 tal-Kodiċi Ċivili Taljan). Huwa mgħallem li "il dolo determinante consiste in una condotta maliziosa posta in essere dal deceptor idonea, in concreto, ad ingannare la controparte ingenerando nel 'deceptus' una rappresentazione alterata della realta', provocando nel suo meccanismo volitivo un errore e inducendolo a concludere un contratto che altrimenti non avrebbe stipulato." (G. Alpa & V. Mariconda Codice Civile Commentato (2a Ediz, 2009) Libro IV, paġġ. 1080 – 1). Min-naħa l-oħra, "il dolo incidente si ha quando i raggiri non sono stati tali da determinare il consenso; la controparte avrebbe egualmente concluso il negozio, ma a condizioni diverse. .. .. il dolo incidente non comporta l'annullamento del contratto; il contratto e' valido, ma il contraente in mala fede risponde dei danni. Il dolo determinante provoca l'annullamento del negozio e in piu' vi e' l'obbligo di risarcire il danno alla parte che fu vittima dell'inganno" (Alpa op cit f'paġ. 139);*

*Illi l-liġi tagħna titlob li l-prova tal-qerq issir mill-parti li tallega l-qerq (***App. Kumm. 31.3.1967 fil-kawża fl-ismijiet Żammit et vs Farruġia et (Kollez. Vol: LI.i.546)***, li wkoll trid turi li l-parti l-oħra kellha l-fehma jew intenzjoni li tqarraq (***P.A. DS 6.12.2002 fil-kawża fl-ismijiet Ian Busuttil et vs Carmen Taliana)***. Fuq kollox, "l'accertamento del dolo come vizio del consenso deve essere preciso e rigoroso, e non puo' essere affidato a semplici induzioni o presunzioni od a criteri di verosimiglianza" (Cass.* ***8.5.1969*** *nru. 1570);*

*Illi huwa magħruf li l-qerq ma huwiex preżunt u jrid ikun ippruvat kif imiss (Art. 981(2) tal-Kap 16). Il-prova bħal din trid tkun tajba biżżejjed li turi li l-parti mixlija bil-qerq kienet nisġet skema bi ħsieb partikolari li tilgħab lill-parti l-oħra biex tersaq għall-ftehim. Biex il-qerq jagħti lok għat-tħassir ta' rabta kuntrattwali, irid jintwera li r-raġġiri u skemi mħaddma mill-parti li tkun qarrqet iwasslu lill-parti l-oħra li tersaq għall-ftehim bil-fehma li l-elementi essenzjali tal-kuntratt huma kif maħsuba meta, fil-fatt, tali elementi jew uħud minnhom ma jikkorrispondux mas-sewwa (***P.A. TM 4.3.2004 fil-kawża fl-ismijiet P.L. Joseph Żammit noe vs Joseph Fenech et***). Fuq kollox, tali qerq irid ikun ta' gravità u serjeta' tali li, kieku ma kienx għalih, il-parti l-oħra ma kinitx tersaq għall-ftehim (***P.A. 13.2.1946 fil-kawża fl-ismijiet Sciberras vs Zimmermann Barbaro (Kollez. Vol: XXXII.ii.223)***. Jekk, imbagħad, il-qerq ikun tali li jwassal lill-parti mqarrqa għal żball dwar l-oġġett tal-ftehim, tali żball irid ikun wieħed skużabbli, jiġifieri wieħed li l-parti mqarrqa ma setgħetx tintebah bih bid-*

*dehen ordinarju tagħha (**P.A. TM 27.4.2007 fil-kawża fl-ismijiet Paul Tanti pro et noe et vs Sammy Mifsud et noe (konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-23.9.2009**)).*

**Konsiderazzjonijiet**

**17.** Illi qabel ma' din il-Qorti tidħol fl-elementi ġuridiċi kif spjegati fit-tagħlim ġurisprudenzjali fuq imsemmi ikun utli li l-ewwel tiġi kkunsidrata l-eċċezzjoni numru 5 li fis-sempliċita' tagħha tgħid hekk:

*"Illi ma huwiex assolutament minnu dak allegat mill-atturi illi l-vettura Land Rover Freelander tinsab iggaraxxjata . Di fatti ser jinġiebu provi li jikkonfermaw li l-atturi għadhom jagħmlu użu minnha."*

**18.** Li din il-vettura hija tassew iggaraxxjata jirrisulta mis-sitt premessa tar-rikors ġuramentat. Fis-7 paragrafu tan-nota ta' osservazzjonijiet tal-Atturi jingħad li l-versjoni tal-Attriċi Rita Grech li din il-vettura qatt ma kienet fit-triq iżda għadha fil-garaxx "tagħhom" sal-ġurnata tal-lum qatt ma ġiet kontradetta (a' fol 288). Li ma ġietx kontradetta mill-Konvenut huwa minnu. Iżda xorta jrid jiġi eżaminat x'inhuma l-konsegwenzi ġuridiċi tal-fatt, li l-vettura mertu ta' din il-Kawża qatt ma ġiet iddepositata taħt l-Awtorita' tal-Qorti u li mill-waqt li ġiet presentata l-Kawża sal-lum għadha fil-garage tal-Atturi u allura fil-pussess materjali tagħhom.

**19.** Dan kollu qiegħed ikun osservat fid-dawl li ġie stabilit, li l-azzjoni li qed tkun esperita mill-Atturi hija dik ta' rexxisjoni ta' kuntratt

b'konsegwenza tal-fatt li l-kunsens tal-Attriċi ġie karpit b'qerq. Artikolu **1209.** (1) tal-Kodiċi Ċivili jistabilixxi li *"Bir-rexxissjoni ta' kuntratt, jekk il-liġi ma tiddisponix xort'oħra, il-partijiet jiġu mqiegħda fl-istat li fih kienu qabel il-ftehim."* Dan ifisser li għandu jiġi applikat il-prinċipju tar-*restitutio ad integrum* u li għalhekk "*kull parti għandha trodd lill-oħra dak li tkun irċeviet jew daħlet b'effett jew bis-saħħa tal-kuntratt*" (ara **Sentenza Prim Awla Qorti Ċivili per Imħallef Tonio Mallia tal-20 ta' Ottubru 2005 fl-ismijiet Carmelo Barbara -vs- Joseph Camenzuli**).

**20.** Ma dan it-tagħlim huma konkordi anke l-awturi. Per eżempju Giorgio Giorgi jgħallem li l-effetti tar-rexissjoni għandhom effett retroattiv u li sakemm ikun umanament possibbli l-partijiet għandhom jitqegħdu fil-posizzjoni li kienu qabel il-kuntratt (**Giorgio Giorgi, Teoria Delle Obbligazioni, Vol VIII pg.294 u 295, Firenze Ed. 1911**). Tal-istess fehma huwa Emidio Pacifici-Mazzoni u ċioe' *"La nullita' e la rescissione dell'obbligazione, pronunziate che' siano dal gudice , hanno l-effetto di rimettere le cose in pristinum , nello stato cioe in cui erano prima della formazione dell'atto nullo e rescindibile"* (**Emidio Pacifici-Mazzoni , Vol V, pg 273 , Firenze 1873**).

**21.** Iżda biex tirnexxi din l-azzjoni, min jeżerċitaha, mill-mument li jintebaħ bid-difett tal-kunsens, ma jridx iwettaq atti li jistgħu jikkompromettu l-pretensjonijiet tiegħu. Ma jridx iwettaq atti bi preġudizzju għal prinċipju tar-*restitutio ad integrum* għax min irid jieħu ħwejġu lura,

kemm jista' jkun għandu jirċevihom fl-istat li kienu qabel il-kuntratt. Dan qiegħed jingħad kemm fir-rigward tal-parti li qed tagħmel il-kawża u kif ukoll ta' dawk li qed jissokombu għaliha. Anke jekk ma jirrisultax li din il-vettura intużat fit-triq, il-mistoqsija li tqum hi din: Il-fatt li kienet iggaraxxjata f'propjeta' tal-Atturi u għalhekk fil-pussess materjali tagħhom, jista' jingħad li dan huwa aġir li huwa kompatibbli mal-azzjoni li qed tkun eserċitata?

**22.** Fir-rigward l-argumenti ġuridiċi miġjuba f'kawżi għar-rexxissjoni ta' kuntratti minħabba difetti redibitorji huma applikabbli ukoll għall-każ li għandha quddiemha din il-Qorti. Intqal għalhekk li huwa "Fondamentali għall-ewwel kweżit propost mill-Qorti hu l-prinċipju li **l-*actio redibitoria* kienet timponi fuq il-kompratur "li jagħti lura l-ħaġa" u ċjoè r-restituzzjoni ta' l-oġġett mixtri mill-venditur u kontestwalment li "jitlob ir-radd tal-prezz"**. **Il-liġi ma tippermetti allura l-ebda alternattiva oħra lill-kompratur li jagħżel li jaġixxi bl-azzjoni redibitorja**. Fil-verita` allura l-kompratur ma kellux id-dritt li jibqa' jżomm l-oġġett f'idejh u li jirrilaxxjah biss lill-venditur meta dan iroddlu l-prezz tiegħu. Hu kellu l-obbligu li minnufih appena jirrifjuta l-oġġett mibjugħ għaliex ikun irriskontra difett latenti li jagħti lura l-ħaġa lill-venditur" (**Hadrian Busietta noe vs Adrian Borg Cardona et noe**). (emfażi tal-Qorti). Altrimenti kellu jeżimi ruħu minn kull reponsabbilta` billi jadixxi lill-Qorti u jgħaddi għad-depositu tal-oġġett taħt l-awtorita` tagħha biex jevita l-effetti derimenti tar-ratifika tal-obbligazzjoni **(ara sentenza tal-Q.K fl-**

**ismijiet Carmel Vella vs Rosalie Mifsud nomine Per Imħallef G. Mifsud Bonnici tat-2 ta' Novembru 1990)**.

**23.** Din il-Qorti għalhekk tasal għall-konklużjoni li f'azzjoni għar-rexxisjoni ta' obbligazzjoni, hi x'inhi l-pretiża legali, meta l-Attur ikun qiegħed jippretendi li jagħti lura dak li rċieva, dan irid jagħmel hekk fl-istat li kienet il-ħaġa meta rċeviha. Jekk mal-mument li jirriskontra d-difett fil-ħaġa, jew fil-każ odjern fil-kunsens tiegħu, ladarba dak li qed jitlob iwassal għar-rexissjoni tal-obbligazzjoni, dan għandu jirrifjuta l-oġġett billi joffrih lura lill-Konvenut u jekk dan ma jaċċettahx jgħaddi għad-depositu tiegħu taħt l-Awtorita' tal-Qorti biex jeżimi ruħu minn kull reponsabbilita'. Fil-każ odjern, l-Atturi għażlu minflok li jibqgħu fil-pussess tal-ħaġa anke jekk ma għamlux użu minnha materjali bħal per eżempju użawha fit-triq. (ara **ukoll Sentenza Prim Awla fl-ismijiet Associated Supplies Ltd -vs- Costantino Abela tas-7 ta' Lulju 2017**).

**24.** Dan ifisser li meta żammew il-vettura fil-garaxx tagħhom u aktar u aktar wara li ntavolaw l-azzjoni, dawn għamlu hekk daqslikieku għamlu użu minnha. Dan ma hu xejn kompatibbli mal-azzjoni minnhom ittentata peress li l-finalita' tagħha huwa li tqiegħed lill-partijiet kemm jista' jkun *status quo ante* bil-konsegwenza għalhekk li ġġib magħha kull azzjoni ta' rexxissjoni fost oħrajn ir-restituzzjoni pristina tal-partijiet qabel ma' bdiet il-kawża.

**<u>Decide</u>**

Għaldaqstant il-Qorti qegħdha taqta' u tiddeċiedi l-kawża għar-raġunijiet fuq imsemmija bil-mod segwenti:

Filwaqt li qed **tilqa'** l-ħames eċċezzjoni;

**Tiċħad** it-talbiet kollha Attriċi.

Spejjes tal-kawża fiċ-ċirkostanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**